31990D0030

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-10 ta' Jannar 1990
li tagħti deroga lil Spanja u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ekwivalenti tas-saħħa li għandhom ikunu rispettati rigward it-tqattigħ ta' laħam frisk

(90/30/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE tas-26 ta' Ġunju, 1964 dwar il-problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ ta' laħam frisk [1] fil-Komunità, kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 88/657/KEE [2], u partikolarment Artikolu 13 tagħha,

Billi, skond Artikolu 13 tad-Direttiva 64/433/KEE bi qbil mal-proċedura taħt l-Artikolu 16, derogi mill-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I jistgħu jingħataw, meta mitluba, lil kull Stat Membru li jipprovdi garanziji simili; billi dawn id-derogi għandhom jirrangaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa li huma ta' l-anqas daqs dawk tal-imsemmi l-Anness;

Billi l-awtoritajiet ta' Spanja, bl-ittra tas-26 ta' Settembru, 1989, ippreżentaw lill-Kummissjoni talba għal deroga mill-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE għat-tqattigħ ta' laħam frisk taċ-ċanga, tan-ngħaġ u laħam tal-majjal; billi din it-talba tipproponi kondizzjonijiet tas-saħħa; billi huwa meħtieġ li l-kondizzjonijiet tas-saħħa stabbiliti bħala alternattiva fid-deroga mitluba fuq it-tqattigħ ta' laħam frisk ikunu tal-anqas daqs dawk tal-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE;

Billi l-kondizzjonijiet tas-saħħa proposti minn Spanja huma daqs dawk stabbiliti fil-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE;

Billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minkejja l-paragrafu 45(ċ) ta' Anness I tad-Direttiva 64/433/KEE, Spanja tista' tawtorizza t-tqattigħ ta' laħam frisk taċ-ċanga, tan-ngħaġ u tal-majjal taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, l-10 ta' Jannar, 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU Ċ 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64.
[2] ĠU L 382, tal-31.12.1988, p. 3.

ANNESS

Kondizzjonijiet speċjali għat-tqattigħ ta' karkassi tal-bovini, ngħaġ u majjali

1. Il-karkassi, li jiġu mill-biċċerija, wara li jitkessħu fi kmamar tar-refriġerazzjoni li joperaw b'temperatura ta' l-arja fil-ħruġ mill-evaporaturi tant li l-karkassi jistgħu jitberrdu għal temperatura interna ta' + 7 °C fi żmien 48 siegħa għal karkassi tal-bovini u 20 siegħa għal karkassi tan-ngħaġ u tal-majjali, jinġarru għall-post tat-tqattigħ, li t-temperatura tiegħu ma taqbiżx + 12 °C, li jkun jinsab fl-istess grupp ta' bini taċ-*chillers*.

2. Il-laħam ikun trasferit f'operazzjoni waħda.

3. Il-karkassi jiddaħħlu fil-kamra tat-tqattigħ u jkunu ddissussati qabel tintlaħaq temperatura interna ta' + 7 °C jekk it-tqattigħ isir fi żmien 48 siegħa mit-tmiem ta' l-operazzjonijiet tal-qatla għal karkassi tal-bovini u 20 siegħa għal karkassi tan-ngħaġ u tal-majjali.

4. Il-ħin ta' bejn li l-laħam jiddaħħal fil-kamra tat-tqattigħ u li jkun soġġett għal aktar refriġerazzjoni ma jaqbiżx is-60 minuta.

5. Hekk kif jitqatta' u jkun ippakkjat, il-laħam jinġarr għal kmamar xierqa ta' refriġerazzjoni.